**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 9

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar

Lill Membri kollha tal-kunsill Lokali.

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-kunsill Lokali numru 8 li ser tinżamm fl-uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar **il-Ħamis 9 ta Jannar 2025, fil-17:30 hrs**.
Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Sergio Carbonaro**
**Agent Segretarju Eżekuttiv** 7 ta' Novembru 2024

**Membri Preżenti**:

| | |
|---|---|
| • Ċensu Galea | Sindku |
| • Christopher Vella Petroni | Viċi Sindku |
| • Alfred Grima | Kunsillier |
| • Alex Aguis | Kunsillier |
| • Sandra Gauci | Kunsillier |
| • Rachel Williams | Kunsillier |
| • Daryl Connor | Kunsillier |
| • Joseph Matthew Attard | Kunsillier |
| • Alexandra Smart Costantino | Kunsillier |
| • Mary Borg | Kunsillier |

Skużat

| | |
|---|---|
| • Alan Bugeja | Kunsillier |
| • Anne Fenech | Kunsillier |
| • Clevion Micallef | Kunsillier |

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs

**9.1 Qari ta ittri t'apoloġija**

Il- kunsill rċieva avviż ta' apoloġija mingħand il-kunsillier Clevion Micallef u il-kunsilliera Anne Fenech u Kunsillier Alan Bugeja..

**9.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 8**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Ma kienx hemm

Għall-approvazzjoni pproponiet il-kunsilliera Sandra Gauci u ġew sekondati mill-kunsilliera Rachel Williams.

Il-kunsill Approva

**9.3 Punti mill-minuti**

Is-sindku irrefera għal ġnien P. Joseph Caruana dwar il-problema tal- kommunikat dranaġġ għadda ma ġietx solvuta , gejt nfurmat li ma hemmx main ta' dranaġġ minn triq turisti dirett sa triq Cassarino. Is-sindku sahaq li sa issa anki mal WSC għandhom ma solvewx il-problema minn fejn ser jaghmlu il-kummunikat tal-ilma.

Is -Sindku aġġorna dwar applikazzjoni ta Lido , li l-perit tal-kunsill Mariello Spiteri għamel il-rapport u ppreżentah lill Awtorita' ta l-Ippjanar.
Il-Kunsillier Alfred Grima għamel referenza għal-kontenut dwar artiklu li ppubblikat fuq il-midja soċjali mill-kollega kunsilliera Sandra Gauci fl-20 ta 'Diċembru 2024, Is-sindku qal li l-Perit għarfu li din kienet l-ewwel darba li l-kunsill qatt talbu jabbozza biex jippreżentah lil-Awtorità' t'Ippjanar niddikjara:

1 Li bil-maqlub ta' l-impressjoni li ngħatat, kien hemm diversi drabi li l-kunsill talab l-assistenza kollha tal-periti nkluż li jifformulaw rapporti ta' oġġezzjoni.

**2** Li kien hemm diversi drabi ukoll li l-kunsill ma rnexxielux iwaqqaf l-iżvilupp li ma qabilx miegħu minkejja l-assistenza kollha li ngħatat. mill-periti.
F'dawl ta dan qed nistaqsi li l-kunsill ma għandux mezzi finanzjarji allokati biex jiġu ikkummissjonat dawn ir-rapporti qed nistaqsi lis-Sindku biex jgħid kemm se jiġi jiswa kull rapport li qed jiġi ppreparata.

Is-Sindku wieġeb li hemm bil-miktub mingħand il-perit tal-kunsill li qatt ma ntalab jagħmel rapporti fil-passat ta' oġġezzjonijiet .
Il-kunsillier Alfred Grima qal li l-kunsill ma kienx sodisfatt b'servizz mogħti u b'rati għoljin li kien jitlob l-perit meta seta tħallas ħafna inqas.
Sindku wieġeb ha jara l-kuntratt dwar dak li jirrigwarda rati kif jitħallas il-perit.

Is-sindku aġġorna dwar tender ta’ Latrini li ġew nfurmati li kien l-orħos *bidders* imma minħabba sistema kienet maqluq fil-perjodu tal-Milied seta biss jinformahom f 7 ta’Jannar.

Is-Sindku rrefera għal -ittra uffiċjali ta IM, li avukat wieġebha, la darba nirċievi il-kopja ta’l-ittra tiġi ppreżentata lil-kunsill.

Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni PA 6823/21, il-perit ġie nfurmata biex jara il-każ . Is-Sindku żied li l-bord ta’l-appell ha jinstema f’’23 ta’ Jannar u nzommu ma l-ewwel pożizzjoni li l -kunsill kien ha fl-ewwel bord .

Il-kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li applikazzjoni tal-puntun kienet ġiet quddiem il-kunsill u kienet ntrebħet favur oġġezzjonijiet li ssottometta il-kunsill.

Is-sindku aġġorna li l-kunsill li applikazzjoni ta Luzzu għadda ma saritx..
Il-kunsillier Alfred Grima nforma lil-kunsill preċedenti kien diġà approva li l- luzzu jitpoġġa fuq saqaf tal club ta’ sajjieda, għalkemm kien hemm qbil fil-kunsill preċedenti li Luzzu jitpoġġa fl-Erba’ Mwiezeb, imma wara laqgħa ma’ IM kien hemm il-ħsieb li jsir flyover f erba’ mwieżeb il-kunsill preċedenti qabel li luzzu jitpoġġa fuq saqaf tal- club ta ’sajjieda.

## 9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-sindku nforma lill -kunsill li kellu numru ta’ laqgħat u anki telefonati ma’ IM saħansitra f’3 ta’ Diċembru ktibt ittra formali lil CEO ta’IM fuq 9 toroq partikolari li għandhom partijiet li toroq huma sfrondati.
Il-kunsillier Alfred Grima saqsa dwar tender f’liema fażi wasal u jekk ma ħarġitx tender f’din leġislatura.
Is-sindku wieġeb li kien hawn tender ta dan il-kunsill li ħarġet 28 ta’ Awissu 2022 u qalet 16 ta’ Settembru 2022, din tender la ġiet ikkanċellat u lanqas evalwata- u mingħajr ebda deċiżjoni.
Is-sindku nforma li tkellem ma Sur Adrian Mifsud li huwa il-persuna li jieħu ħsieb *tenders* f’isem dan il-kunsill, min-naha tiegħu kiteb lil żewġ *tenderers* jekk ma għandhomx interessati fit- t*ender*s li kien issottomettew. Is-sindku żied li jekk ma jaċċettawx jibda il-proċess biex jinħareġ tender ieħor u Sur Adrian Mifsud diġà nfurmat dwar dan.

## 9.5 Membership MAGF

Is-sindku li tkellem ma Sur Gerald Vella mill-MAGF, li nfurmani li kunsill ma ħallas il-*membership*, 2023-2027. Kien hemm qbil li l-kunsill jħallas *membershi*p u jibbenifika mill-fondi li ma ttiedux u fl-istess ħin japplika ghal skemi yta fondi li joħrgu minn MAFG.

Ppropana Is-Sindku u sekonda il-Vici Sindku Chris Vella Petroni.

### 9.6 Allokazzjoni Finanzjarja 2025

Allokazzjoni Finanzjarja 2025 Is-Sindku għamel osservazzjoni li qabel l-kunsilli lokali kienu responsabli mill-skart, minn sentejn l-hawn il fondi bdew jigu amministrati mill-Regjun.Is-sindku kompla li għalkemm il-fondi jircviehom il-kunsill, minn din sena l-gvern iddeċida li fondi jiġu allokati dirett lil reġjuni. L-Accountant Sur Adam Vella ta' rendikont u pprezenta budget annwali 2025. Il-kunsill approva il-budget kif kien ippreżżentat Il -Kunsillier Joseph Matthew Attard dahal għal-laqgħa fit-18.15

### 9.7 Proposta għal CCTV cameras

Proposta għal CCTV cameras Is -sindku nforma dwar proposta li jiġu pprovduti CCTV cameras minn kumpanija għal aktar sigurta fit- toroq u biex jitnaqqsu l-abbuzi. Il-kunsillier Alfred Grima nforma lill- kunsill li fil-laqgħa 73 tal-kunsill preċendenti kien gie approvat installazzjoni ta' CCTV cameras għal aktar sigurta f'diversi zoni wara proposta mill-Ministeru tal-Intern. Din il-korrispondenza giet mogħdija lis-segretarju tal-kunsill. Is-sindku qal li ha jikklarifika mal-Ministeru jekk din l-iskema ma għadiex f 'sehh. Kien hemm qbil biex il-kunsill jkollu aktar informazzjoni dwar l-spiza konċernata u kif ha jiġu maniggjati u li trid toħrog sejjaha pubblika.

### 9.8 Aġġornament ta' xogħolijiet mill-EneMalta (San Pawl il-Baħar, Bugibba u Qawra )

Is-Sindku nforma lill-kunsill u ta'rendikont ta'toroq kollha fejn ha jsiru ix-xoġħolijiet fihom fihom fil-gimgħat li gejjien mill-Enemalta. Il-kunsilliera Rachel Williams saqsiet sakemm ha jdumu xogħolijiet għaddejien, u Is-sindku wieġeb li hu nformat sa Ġunju 2025. Il-kunsillier Alfred Grima saħaq li ma jaqbilx li xogħolijiet f'toroq tal-Qawra u ta San Pawl jibdew flimkien. Il-kunsilliera Sandra Smart Costantino saqsiet jekk ma sarux laqgħat ma entitajiet koncernati u issugeriet li għandha tintbagħat ittra li resdenti ta akwati dwar ix-xogħol għandu bzonn jsir. Is-sindku wieġeb li laqgħat saru aktar minn darba u residenti ser jkunu informat meta jkollu informażzjoni fatwali.

### 9.9 Aġġornament ta'xogħolijiet WSC

Dwar ix-xogħolijiet tal-waterservices, Is-sindku qal li f dan l-stadju huma kommessi li jagħmlu xogħoljiet minn triq San luqa sa ħdejn il-brake water

### 9.10 Attivita (Trekking & Hiking)

IL-Kunsillier Agius informa lill-kunsill ha terġa tibda tigi organizzatt trekking minn Frar u kien hemm qbil il- kunsill jħallas transport u healthty food pack għal dawk li jattendu attivita.

### 9.11 Talba Parroċċa San Pawl il-Baħar

Is-Sindku nforma lill-kunsill li kellu talba mill-Kappllan ta San Pawl li ha jsir attivita reliġjuza ġimgħa qabel l-festa ta San Pawl u flimkien mal-parroċċi tal-Qawra u ta' Burrmarrad biex il-kunsill jħallas l-ispiza tal-baned. Is-sindku sahaq li wara li tkellem mal-kapillan il-proposta twaqqfet għax għal-din sena ser tigi organizzata minn-naħa tagħhom

## 9.12 Bord tal-claims

Il-kunsillier Alex Agius aġġorna lill-kunsill dwar il-każijiet pendenti ta' claims li kitbu l-kunsill. Il-kunsillier Alex Agius għandu jaġġorna lista ta' claims li tressqu quddiem il-bord. Kien diskuss li claims li fihom jkun hemm injuries jiġu referuti lil avukat u claims fejn talba tkun taht €300 jiġu mressaq quddiem il-kunsill.

## 9.13 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera.

Il- Kunsillier Alfred Grima staqsa:

Kemm hija r-rata finanzjarja mifthema li l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar qabel dwara li titħallas lill-avukat John Bonello għas-servizz li hu mistenni joffri fil-kawża ġdida li mistennija tinfetaħ marbuta mall-każ ta' Ta Fra Ben? Is-segertarju Ezekuttiv huwa nformat sa issa avukat għadu ma tkellimx mal-kunsill dwar rata għas-servizz tiegħu B'referenza għall-każ Ta Fra Ben fejn il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar ġie dikjarat, flimkien ma konvenuti oħra, responsabbli in solidum flimkien għall-inċident li fih korriet gravament is Sinj.V.Kravchenko; kemm huwa l-ammont globali li ġie mħallas mill-Kunsill sad-data ta' din l imejl. Is-segretarju Ezekuttiv wieġeb li l-ammont li ġie rrilixxat u li kien mizmum bhala sekwestru jammonta ghal €453,154 u l-aħħar pagament li tħallas kien ta' € 376,694.29.

## 9.14 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviz

Ma kienx hemm

## 9.15 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

Ma kienx hemm.

## 9.16 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19.10 u aġġornat għal-Ħamis 16 ta' Jannar fil 17.30